MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 76/2009/1

**Angelo sive Lino Debono**

**v.**

**Direttur tal-Joint Office u Registratur tal-Artijiet**
**u l-Ministru tal-Intern**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija fl-4 ta' Marzu 2011 mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li lliberat lill-Ministru intimat mill-osservanza tal-gudizzju minhabba nuqqas ta' legittimazzjoni passiva, laqghet t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ghal dak li jirrigwardja nuqqas tal-interess guridiku tal-attur, u fil-meritu cahdet it-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni li l-art oggett tal-kawza m'hijiex tal-Gvern ta' Malta

2. L-attur appella minn din id-decizjoni u fir-rikors tieghu qed jitlob li, ghar-ragunijet hemm indikati, din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu, thassar s-sentenza appellata u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

3. Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, din il-Qorti tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**Ir-Rikors Promotur**

4. Fir-rikors tieghu l-attur ippremetta hekk:

5. Permezz ta’ certifikat tar-registrazzjoni nru 835/1999 datat 26 ta’ Novembru 1999 il-konvenut Registratur tal-Artijiet irregistra f’isem il-Gvern ta’ Malta l-art imsejjha tal-“Bakkari” jew “Ta Wigi” sive “Ta Gokk” limiti tax-Xewkija Ghawdex tal-kejl approssimattiv ta’ 5300 metri kwadri.

6. L-attur “effettivament” ilu jokkupa parti mill-istess art tal-kejl superficjali ta’ circa 910 metri kwadri, konfinanti Tramuntana ma’ beni tal-attur, Nofs inhar mal-Housing Estate tal-Gvern, u Punent ma’ beni ta’ Joseph Grima u ohrajn, u l-bqija tal-art u mil-Lvant ma’ beni tal-istess attur “ghal dawn l-ahhar tletin sena”.

7. Fl-istess certifikat hemm indikat li l-istess art registrata in virtu` tal-Artikoli 5 u 7 tal-Att IV tas-sena 1992 bhala wahda minn dawk il-proprjetajiet li saret referenza ghalihom fil-ftehim li sar bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta’ Malta tat-28 ta’ Novembru 1991.

8. L-art *de quo* giet inkluza fl-annex ipprezentat quddiem il-Kamra tad-Deputati u ghalhekk in vista tal-imsemmi Att giet trasferita lill-Gvern ta’ Malta mill-Arcidjocesi ta’ Malta, bhala proprjeta` li originarjament kienet tappartjenti lill-istess Arcidjocesi bhala oggett ta’ legat taz-zwieg.

9. Izda, effettivament din l-art qatt ma kienet oggett ta’ legat taz-zwieg kif inghad fl-imsemmi certifikat, u lanqas allura proprjeta` tal-Arcidjocesi ta’ Malta

kif pretiz mill-istess Arcidjocesi li setghet tghaddi l-imsemmija proprjeta` lill-Gvern ta' Malta.

10. L-attur jghid li hu ghandu interess guridiku, reali u attwali li jigi impunjat l-istess certifikat ta' registrazzjoni, liema interess huwa wkoll konkret, personali u jissussisti fil-konfront tal-konvenuti.

11. Fuq dawn il-premessi, l-attur talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi certifikat in kwantu jirrigwardja l-art fuq indikata "huwa fittizju, null u minghajr ebda bazi ta' validita` u ghalhekk ghandu jigi imhassar" ghax l-art de quo qatt ma kienet tappartjeni lil Arcidjocesi ta' Malta, u konsegwentement qatt ma setghet issir proprjeta` tal-Gvern.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

12. Fil-parti relevanti, din taqra hekk:

> "Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni fis-sens li c-certifikat numru 835/1999 tas-26 ta' Novembru 1999 mahrug mir-Registru tal-Artijiet li permezz tieghu giet registrata l-art ta' Gokk f'isem il-Gvern ta' Malta, jaghti titolu fittizju, null u bla ebda bazi u ghalhekk ghandu jithassar ghaliex l-art ma kenitx tad-Kurja u qatt ma setghet ghaddiet ghand il-Gvern ta' Malta. Permezz ta' nota li pprezenta fil-11 ta' Novembru 2009 l-attur indika fuq pjanta (fol. 20) il-porzjon art oggett ta' din il-kawza, li jirrizulta li hi retrostanti ghad-dar tal-attur 26, Triq Hagret l-Armi, Xewkija, Ghawdex. Fir-rikors guramentat l-attur ippremetta li ilu *"...... jokkupa parti mill-istess art tal-kejl superficjali ta' circa 910 metri kwadri (disa' mija u ghaxar metri kwadri) u konfinanti Tramuntana ma beni tal-attur, nofsinhar mal-housing estate tal-Gvern, u punent ma' beni ta' Joseph Grima u ohrajn, il-bqija tal-kumplament tal-art imsemmija, lvant ma' beni tal-attur ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena."*.

"Il-konvenut Registratur tal-Artijiet fir-risposta guramentata li pprezenta fis-17 ta' Novembru 2009 (fol. 21) eccepixxa illi:-

"1. Kif dikjarat mill-attur, it-territorju mertu ta' din il-kawza kien registrat permezz ta' LRAG834/1999 f'isem Il-Marriage Legacies, Archdiocese of Malta, u gie trasferit f'isem il-Gvern ta' Malta permezz ta' LRAG835/1999. Ghaldaqstant, illum jinsab registrat b'titolu garantit f'isem il-Gvern ta' Malta a bazi ta' artikolu 21(2) ta' Kap 296. Ai termini ta' artikolu 22 tal-istess Kap, titolu garantit ma jistax jigi meghlub hlief kif provdut fl-att.

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova xi forma ta' interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza.

"3. Salv is-suepost, l-esponenti ma hux edott mill-fatti dikjarati mill-atturi u dwar il-fatti, jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

"Permezz ta' risposta guramenta prezentata fl-20 ta' Novembru 2009 id-Direttur Ufficju Kongunt, Registratur tal-Artijiet u Ministeru tal-Intern (fol. 23) eccepew li:-

"1. In via preliminari jigi eccepit illi l-eccipjent Ministeru tal-Intern u d-Direttur tal-Ufficju Kongunt m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza, u dan a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligjijiet ta' Malta.

"2. Preliminarjament ukoll jintqal illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 156 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx osservati fir-rikors odjern, u dan minhabba li m'hemm imkien indikat li l-esponenti qieghed jelenka fatti li huwa jaf bihom personalment, kif ukoll m'hemm imkien indikat illi r-rikors qieghed jigi mahluf.

"3. Inoltre u dejjem preliminarjament, l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku sabiex jippromwovi din l-azzjoni stante li huwa la qieghed jasserixxi xi titolu fuq l-art in kwistjoni u wisq anqas m'hu qieghed jindika n-natura ta' tali titolu, izda jippretendi b'mod kavalleresk illi l-fatt li jghid b'mod mill-aktar vag li ghandu interess, ikun bizzejjed biex jippromwovi din il-kawza. Ghaldaqstant din il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla u t-talba attrici titqies mhux akkolljibbli minn din l-Onorabbli Qorti, billi huwa biss sid tal-art in kwistjoni li jista' jaghmel tali talba, u l-attur jidher li m'ghandux tali titolu fuq din l-art. Di piu', jekk stess ghall-grazzja tal-argument jippretendi li ghandu tali titolu, dan ma jirrizulta imkien u l-kawza xorta hi nulla peress li naqas milli jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li hu sid tal-art in kwistjoni.

"4. Stante li l-attur mhux qed jispecifika n-natura tal-interess li ghandu, l-esponenti jeccepixxu wkoll illi jekk l-allegat interess tal-attur huwa wiehed ta' pussess u mhux ta' dominus, allura t-talba tieghu ghandha tigi respinta stante illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-

ismijiet **Joseph Aquilina noe et Vs Lino Debono** deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, il-pretensjoni tal-attur ghal xi dritt ta' pussess mghoddi lilu mill-allegat ex-inkwilin tal-art in kwistjoni giet respinta sahansitra fl-appell u tali stat ta' fatt issa jikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront tal-partijiet.

"5. Bla pregudizzju ghas-suepost, qed jigi rilevat illi l-Gvern ta' Malta rregistra titolu fuq din il-propjeta' ai termini tal-Artikoli 5 u 7 tal-Att IV tal-1992 (l-Att dwar il-Propjeta' tal-Entitajiet Ekklezjastici), wara li din il-propjeta' – provenjenti l-Legat taz-Zwieg Nicolo Angelo Meccanuzio, amministrat mill-Arcidjocesi ta' Malta – giet inkluza fl-Annexx li gie prezentat lill-Kamra tar-Rapprezentanti fil-25 ta' Mejju 1992. Fit-18 ta' Frar 1993, li hi d-data effettiva li fiha l-propretajiet ghaddew taht l-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta, il-proprjeta' kienet suggetta ghall-kawza fuq imsemmija bejn il-Kurja Arciveskoli u l-attur, fejn finalment il-Qorti tal-Appell qatghetha li l-propjeta' ma setghetx tigi mghoddija b'inkwilinat lil xi persuna, inkluz l-attur prezenti, minghajr il-permess tas-sid; ghaldaqstant setghet tigi liberament trasferita lill-Gvern ta' Malta, liema trasferiment sar f'Marzu tal-1999.

"6. M'huwiex minnu li l-attur kien ilu jokkupa l-imsemmija art ghal aktar minn tletin sena, u dan qed jinghad kemm fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-proceduri gudizzjarji fuq imsemmija illi ttiehdu in konnessjoni mal-art in kwistjoni, kif ukoll, u b'mod specjali, minhabba li meta l-awtoritajiet ekklezjastici ttrasferew l-art lill-Gvern ta' Malta, din giet trasferita bhala vakanti, u b'hekk l-attur qatt ma seta jokkupa l-art in kwistjoni minghajr il-kunses tas-sid – l-Ufficju Kongunt.

"7. Fil-fatt din il-pretiza okkupazzjoni kienet is-suggett tal-proceduri li kkulminaw fil-fuq imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1998. Ghalhekk, kif irrizulta minn tali proceduri, l-okkupazzjoni kontinwata tal-imsemmija art kienet azzjoni abbuziva min-naha tal-attur – ghemil dan li l-Ufficcju Kongunt bhala parti integrali mid-Dipartiment tal-Artijiet ghandu obbligu u dritt li jara li ma jsirx fuq artijiet u proprjetajiet amminstrati minnu.

"……….omisssis………"

"3. Permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Aquilina nomine vs Lino Debono** (Cit. numru: 127/1992) tal-4 ta' Dicembru 1998, il-qorti kkonfermat sentenza ta' din il-qorti. Dik il-kawza kienet tittratta kawza ta' spoll dwar il-porzjon art oggett ta' din il-kawza. Debono kien baqa' kontumaci u l-qorti kkonfermat li l-attur nomine kellu l-pussess tar-raba' meta Debono kien *"... invada l-proprjeta u konsegwentement spoljah minnha."* (fol. 33). Il-qorti spjegat li l-pussess *".... formali, din il-qorti tirravizah ukoll mill-fatt li jekk jigi accettat ghall-grazzja ta' l-argument, illi l-inkwilin abbanduna r-raba favur l-appellant billi skond dan taht il-permess li juzah, f'dak il-mument il-pussess tar-raba rriverta f'idejn is-sid li akkwista mill-gdid id-disponibilta' shiha tieghu."*. Minn ittra datata 18 ta' Marzu 1999 li

ntbaghtet mill-perit Guido Vella lill-avukat tal-Kurja (fol. 227), jidher li dak li ordnat il-qorti fis-sentenza kien twettaq.

“4. Jirrizulta li fis-26 ta’ Novembru 1999 il-Gvern ta’ Malta ipprezenta applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-art b’kejl ta’ 5,300 metri kwadri (LRAG835/1999), skond l-Att tal-1992 dwar Proprjeta’ ta’ Entitajiet Ekklesjastici. Tali registrazzjoni ssir bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ terzi (Artikolu 5). Mill-atti jirrizulta li l-attur illimita l-kawza fuq dik il-porzjon tal-art li fil-pjanta a fol. 20 hi murija bil-kulur isfar, u li ddikjara li fiha kejl ta’ 910 metri kwadri. Minkejja dak li qieghrf jallega f’din il-kawza, ma jirrizultax li l-attur irtira l-applikazzjoni.

“5. L-attur kien ilu s-snin fi trattattivi mal-Kurja sabiex jakkwista l-porzjon art oggett ta’ din il-kawza. Hekk per ezempju permezz ta’:-

“i. Ittra datata 27 ta’ Mejju 1987 mibghuta lis-segretarju amministrativ, l-attur ghamel talba formali sabiex jixtri l-art li jghid li kienet qeghda tinhadem mill-gabillott Carmelo Buttigieg bi qbiela (fol. 128). B’ittra tat-18 ta’ Awwissu 1988 mibghuta minn Monsinjur Carmelo Zammit lill-attur, gie infurmat li l-Kurja kienet disposta li tittrasferixxi kejl ta’ 33 metri kwadri ghall-prezz ta’ Lm353, pero mhux li tinbiegh l-art kollha (fol. 132).

“ii. L-attur ma hatafx l-okkazzjoni u kkontesta l-prezz li ntalab li jhallas ghax-xiri ta’ 33 metri kwadri, u rega’ ghamel it-talba biex ikun jista’ jixtri l-kumplament tal-art[1].

“iii. F’ittra datata 28 ta’ Lulju 1989 l-attur talab li jekk ma jkunx jista’ jixtriha, *“.... nitlob li tigi mibrija lili jew b’cens jew b’kera, ghal skopijiet agrikoli.”* (fol. 138).

“iv. F’ittra datata 4 ta’ Gunju 1990 (fol. 152) il-perit Emanuel Vella filwaqt li ghamel riferenza ghat-talba tal-attur sabiex jixtri porzjon mir-raba’ retrostanti ghad-dar tieghu, u li ddeskriviha bhala 33 metri kwadri markata bl-ittra “A” u 860 metri kwadri markata bl-ittra “B”, iddikjara li plot A kellha valur ta’ Lm100 u plot B bejn Lm2,500 u Lm3,000. Mal-ittra giet annessa pjanta (fol. 153). L-art li giet registrata mill-Gvern firRegistru tal-Artijiet fiha kejl ta’ 5,065 metri kwadri (fol. 26-27).

“v. F’ittra legali datata 7 ta’ Lulju 1995 (fol. 202) gie dikjarat li *“Debono huwa dispost illi il-ftehim ikun jew li jakkwista ir-raba b’xiri jew illi l-istess raba tigi mikrija lilu b’kondizzjonijiet illi jigu iffissati minnkom purke’ l-istess ikunu ragonevoli.”*[2].

“Sahansitra l-attur:-

[1] Ittra tat-30 ta’ Awwissu 1988 (fol. 133).
[2] Ara wkoll ittra datata 28 ta’ Settembru 1995 (fol. 207).

"a. Fis-16 ta' Settembru 1992 iddepozita l-qbiela fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet (ara ricevuta a fol. 182)[3]; *"Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto reale sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche dipendenza da quella...... Si avra' detenzione e non possesso in xhi tiene la cosa..... d) nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in loxazione, comodatario, ecc)."*[4]; u

"b. Fis-6 ta' Frar 2001 ipprezenta applikazzjoni fid-Dipartiment tal-Artijiet taht l-iskema biex jinghata qbiela fuq l-art tal-Gvern (fol. 217), u hallas Lm50 (ara ricevuta a fol. 216). Jirrizulta li l-applikazzjoni saret f'isem mart l-attur, Alice Debono. Permezz ta' ittra datata 26 ta' Mejju 2006 (fol. 218) id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta tal-Gvern gharraf lil Alice Debono li kienet qeghda tinghata titolu ta' prekarju fuq l-art.

"6. Ghalkemm fir-rikors guramentat li pprezenta fil-15 ta' Ottubru 2009 l-attur iddikjara bil-gurament li ilu fil-pussess tal-art in kwistjoni ghal iktar minn 30 sena, meta xehed ta verzjoni differenti. In kontro-ezami kkonferma li kien dahal fl-art wara li kien miet il-gabillott Carmelo Buttigieg[5], filwaqt li fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2010 kien xehed li l-gabilott ma kellux tfal u *".... ilu mejjet minn xi l-elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) jew l-elf disa' mija disgha u tmenin (1989)."* (fol. 45). Jidher li l-attur qieghed jittama li l-art issir proprjeta tieghu permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena. Tant hu hekk li fid-19 ta' Jannar 2010 kien xehed: *"Jiena ghandi interess f'din l-art. Ilha tnejn u ghoxrin (22) sena ghandi, u tmien (8) snin ohra tigi tieghi."* (fol. 47). Fir-realta' dak li qieghed jispera l-attur ma jistax jigri ghaliex mill-provi hu altru milli evidenti li kwalsiasi pussess li seta' kellu matul is-snin ma kienx *animo domini*. Kieku l-pussess kien *animo domini* ma kienx ser jidhol f'negozjati mal-Kurja sabiex jixtri l-art u sahansitra fis-sena 2006 jipprezenta applikazzjoni fid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex l-art tinghata bi qbiela, u anke jallega li kien jikri l-art. Dan zgur li m'huwiex atteggjament ta' persuna li qeghda zzomm immobbli bhala proprjeta taghha, minkejja li f'ittra datata 11 ta' Novembru 1994 (fol. 192) l-attur baghat lill-Isqof jinghad: *"Darba kont infurmajtek li l-ghalqa n-kwistjoni mhix proprjeta tal-Kurja, u dan fuq il-fatti provdui mill-kuntratt li sar fl-1610 minn missier Mikelangelo Maccanuzio, liema persuna l-Kurja qed tghid li halliela l-ghalqa bhala Legato di Maritaggio fit-testment li kien sar fl-1618. Nifhem li jekk missieru ma kellux l-ghalqa proprjeta tieghu, ma seta it-tifel ihallija lit-terzi."*. M'hemmx dubju li l-attur qieghed jipprova jaghmel minn kollox biex jiehu l-art. Il-qorti tqies li hu kontradittorju kif l-attur kien qieghed jinsisti

[3] Cedola ta' depozitu numru 330/1992 li fiha ddikjara li kien qieghed jiddepozita l-kera li ghalqet fil-15 ta' Awwissu 1992 u li kien jikri kl-ghalqa minghad il-Kurja Arciveskovili ta' Malta.
[4] *Istituzioni di Diritto Civile*, Alberto Trabucchi (Cedam, 1981) pagna 447.
[5] *"Kif kont diga spegajt waqt l-ahhar seduta, il-gabilott li kien jahdem din ir-raba' kien miet. Kien f'dak l-istadju li peress li din ir-raba' tmiss mad-dar tieghi, jiena bdejt nahdimha."* (fol. 213). Alice Debono, martl-attur, qalet: *"Zewgi ilu li dahal fil-pussess ta' din l-art wara li miet il-gabillot u bejn wiehed u iehor fl-istess zmien li dhalna noqghodu fid-dar imsemmija"* (fol. 222).

mal-Kurja sabiex jixtri l-art minghandha jew li ghallinqas tinghatalu bi qbiela, u fl-istess hin jallega li l-art m'hijiex proprjeta taghha.

"7. F'dan ix-xenarju m'hemmx dubju li l-attur m'ghandu l-ebda titolu ta' proprjeta fuq il-porzjon art oggett ta' din il-kawza. Jekk rega' qieghed jokkupa l-art hu biss ghaliex martu inghatat prekarju mill-Gvern wara li pprezentat applikazzjoni taht l-iskema li kienet harget sabiex art tal-Gvern tinghata bi qbiela. Dan ifisser li bhalissa l-iktar li jista' ghandha Alice Debono hi detenzjoni, li zgur ma tikkwalifikax bhala pussess *animo domini*. L-istess l-attur m'ghandu l-ebda titolu fuq dik il-parti mill-bitha li ghandu fil-parti ta' wara tad-dar li jidher li okkupa sabiex jelimina l-ixtur fuq wara tal-plot li akkwista minghand il-Gvern fl-1987 u li kien ipprova jixtri minghand il-Kurja[6]. Minn qari tar-rikors guramentat jidher li l-attur jippretendi li hu sid ghaliex iddikjara li ilu jokkupa l-art b'kejl ta' 910 metri kwadri ghal tletin (30) sena. Hekk biss tista' l-qorti tihem ghalfejn ghamel enfazi fuq dan il-fatt. Pero kif rajna, waqt is-smiegh tal-kawza biddel il-verzjoni.

"8. Il-konvenuti jsostnu li l-attur m'ghandux interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza. M'hemmx dubju li l-azzjoni li ressaq l-attur m'hijiex dik ta' rivendikazzjoni, intiza sabiex tiddefendi d-dritt ta' proprjeta. It-talba li ghamel l-attur hi dikjaratorja, fis-sens li qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-Gvern ta' Malta m'huwiex proprjetarju ghaliex l-art ma kenitx proprjeta tal-awtur tieghu. L-attur jiddikjara li bhala pussessur tal-art ghandu kull interess li jiddefendi l-pussess tieghu ghaliex dan ser iwasslu biex isir proprjetarju ladarba jiddekorru tletin (30) sena. Hu fatt li kieku fil-meritu l-attur jista' jottjeni dikjarazzjoni li l-porzjon raba' m'hijiex proprjeta tal-Gvern ghaliex ma kenitx proprjeta tal-awtur tieghu, l-attur ser ikun jista' jippossjedi u jgawdi l-art bhala proprjeta tieghu bla kondizzjoni. Dan **jista'** jwassal sabiex **forsi** wara t-trapass ta' 30 sena jakkwista l-proprjeta permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Ovvjament din hi biss ipotezi u xejn iktar. Dak li jrid l-attur hu li fil-prezent jelimina lill-Gvern mix-xena u mbaghad jara wara, u ghalhekk qieghed jikkontesta t-trasferiment li sar u li ghalih hu zgur *res inter alios acta*. Pero jidher li l-attur qieghed jinsa li r-rimedji li toffri l-ligi sabiex jigi salvagwardjat il-pussess huma tnejn, l-azzjoni ta' spoll u l'*actio manutenionis* (Artikoli 534 u 535 tal-Kodici Civili)[7]. F'dan il-kuntest l-Artikolu 533 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra f'dan il-Kodici, ghandhom jigu mharsa d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli li gejjin ta' dan it-Titolu kwantu ghall-jeddijiet u l-obbligi li jigu mill-pussess."*. Certament li bil-mod kif ipprezenta l-fatti fir-rikors guramentat l-attur deher li ghandu interess guridiku biex jaghmel il-kawza, gialadarba kien qieghed isostni li kien ilu fil-pussess tal-ghalqa ghal tletin (30) sena, u dan minkejja li ma ddikjarax li hu proprjetarju tal-art bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Madankollu mill-bidunett tas-smiegh tal-provi wera bic-car li ried ibiddel il-posizzjoni fis-sens li qieghed jipprova jattakka t-titolu tal-Gvern bit-tama li ma jkunx hemm hadd iehor li

[6] Fl-ewwel ittra datata 27 ta' Mejju 1987 (fol. 128) kien iddikjara li din il-porzjon (forma ta' trijangolu) fiha kejl ta' 33 metri kwadri.

[7] Din l-ahhar tip ta' azzjoni possessorja tista' tigi proposta ghal molestia di fatto jew di diritto, b'dan li l-attur irid jaghti prova ta' pussess legittimu, element li f'dan il-kaz zgur li l-attur ma jistax jaghti prova tieghu.

jippretendi li hu sid l-art oggett tal-kawza, u xi darba bit-trapass taz-zmien l-art issir tieghu. F'kaz ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghhom, diment li jkunu pre-ordinati ghal domanda definitiva u finali, anke jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f'gudizzju[8]. F'dan il-kaz il-qorti ma tarax li dan jista' jsir. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-interess ma ghandux ikun ipotetiku. Fic-cirkostanzi jidher li l-atturi ghandhom raguni fir-rigward tal-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku.

"9. Bla pregudizzju, l-attur jippretendi li l-art qatt ma kienet proprjeta tal-Kurja u biex jissostanzja din it-tezi ghamel riferenza ghall-atti notarili li saru fil-31 ta' Awwissu 1610 u fl-4 ta' Settembru 1618. Fil-*property form* li ntbaghatet mill-Kurja lill-Ufficcju Kongunt wara li sar il-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede, jinghad li l-art giet minghand Nicolo Angelo Maccanuzzio bhala legat ta' zwieg (fol. 120). Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2010 sar qbil li *"... f'dan l-istadju ghandu jigi nkarigat perit gudizzjarju sabiex jaghmel traduzzjoni tal-atti ta' l-1610 u l-1618 u jaqblu wkoll li ghand l-iskop jigi nkarigat Patri Dun George Aquilina."* (fol. 241). Il-perit gudizzjarju pprezenta r-rapport (fol. 248-252). Jirrizulta li huwa qara l-atti in kwistjoni u rrelata dwar fatti li huma rilevanti ghall-meritu, billi ikkonferma li:-

- "**L-att tal-31 ta' Awwissu 1610 fl-atti tan-nutar Dr Tommossa Gauci**, jikkonsisti f'qasma li saret bejn Nikola Angelo Macanuzzio u ohtu Ysabella Scarso, mart Lucio. F'dan l-att ma tissemmix art ta' Gokk pero tissemma porzjon art *"... fl-inhawi ta Santa Barbara b'razzett (kwazi mgarraf) u sigra tat-tin mieghu imsejjah il-gnejna li mill-Lvant tmiss ma' l-ghalqa maghrufa bhala il-gonna ta' Gok,............"*. L-attur isostni li dan ifisser li f'dak is-seklu it-territorju ta' Gokk kien diga' maghruf.

- "**L-att tal-4 ta' Settembru 1618 fl-atti tan-nutar Dr Giovanni Simone De Lucia**, hu t-testment tan-Nobbli Kjeriku Nikola Angelo Maccanuzio (Mahnuq) iben Rainerio u Margerita. F'dan it-testment it-testatur *".... jghaddi biex ihalli diversi eredi partikolari (legati) u* ***fost dawn hemm dawk ta' maritagg (taz-zwieg) b'risq***

[8] Fil-kawsa **Darmenia vs Borg Oliver nomine**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1966, intqal li *"fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta'semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l'iehor jista' jinghata;* ***jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax****"*. Fil-kawza **Salvatore Belluxi vs Joseph Vella Gera** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 1946 saret riferenza ghal sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Xuereb vs Petrococchino** deciza fl-4 ta' Dicembru 1944 fejn gie dikjarat: ***"il-Qorti trid tkun perswaza illi hemm dak l-interess, anke preordinat ghal kawza ohra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun qieghda tifforma l-bazi ta' kawza ohra li tista' ssir fil-futur."***.

***il-konsangwini jew qrib taghom, jew jekk ikun hemm xi hadd li jrid isir Soru jew Sacerdot.”***. Bhala werrieta halla lill-patrijiet Gizwiti tal-Kullegg tal-Belt, Valletta u jekk ma jaccettawx halla lid-Dumnikani. Skond il-perit gudizzjarju f’dan it-testment m’humiex identifikati proprjetajiet;

“10. L-attur argumenta li dawn l-atti huma prova li l-art in kwistjoni ma kenitx tad-Djocesi. Fil-fehma tal-qorti d-dokumenti li ghamel riferenza ghalihom l-attur m’humiex prova konklussiva li l-art ma kenitx parti mill-patrimonju ta’ Nikola Angelo Maccanuzio. F’dan il-kuntest il-qorti tosserva li:-

“i. Jirrizulta li b’att tad-19 ta’ Dicembru 1867 fl-atti tan-Nutar Annunziato Frendo Micallef (fol. 80) l-art inghatat b’enfitewsi temporanja lil certu Giuseppe Magro ghall-perjodu ta’ 99 sena mill-Ekonomu tal-Legat ta’ Zwieg imwaqqaf minn Nicola Angelo Macanuzzio. Fir-records tal-Kurja l-art tissemma bl-isem tal-Gharus u tal-Bakkari (ara fol. 107-119). Ma’ dan l-att hemm pjanta annessa u l-kliem: *“Pianta della clausura di terra* ***denominata tal-Gharus posta nel Gozo nel distretto di Casale Xewkia nella contrada tal-harruba ossia tal-Baccari spettante al Legato fondato dal fu Michel Angelo Maccanuzio della capacita’ di tummoli cinque mondelli due e misure sei.”***[9]. Il-qorti m’ghandix dubju li l-art murija f’din il-pjanta hi l-istess art li tidher fil-pjanta a fol. 27, u dan qeghda tghidu mill-konfigurazzjoni tal-art kif murija f’dawn iz-zewg dokumenti, inkluz fejn il-parti t’isfel l-art tikkonfina mill-punent mat-triq (Triq ta’ Mejmuna). Fl-atti hemm provi cari li l-Kurja kienet baqghet tircievi l-hlas fuq l-art sal-15 ta’ Awwissu 1989.

“ii. Il-perit gudizzjarju spjega li fit-testment ta’ Macanuzzio m’hemmx riferenza ghal xi immobbli partikolari.

“iii. Fil-*Property Form* li l-Kurja baghtet lill-Ufficcju Kongunt l-art hi deskritta bhala *“tal-Baccari o ta’ Wigi sive ta’ Gok.”*.

“iv. Is-site plan li pprezenta l-attur fis-seduta tas-27 ta’ April 2010 ma ssemmix is-sena li saret, ghalkemm fuqha tidher id-dar tal-attur.

“v. Ma tressqet l-ebda prova ta’ kif kienet maghrufa l-art in kwistjoni fis-seklu 17, meta saru l-atti li fuqhom l-attur tant ghamel enfazi.

---

[9] Fil-kuntratt l-art hi deskritta bhala *"La clausura posta nei limiti di detto Casale Xewkia in contrada ta Baccari ossia tal-Hamria consistente in varie lenze di terra,……. Appellate la detta clausura e la precedente tal-Gharus, della capacita di tumoli cinque, mondelli due e misure sei, confinata da levante con beni detenute in enfiteusi da Giovanni Grech, e dagli eredi di Pubblio Refalo, da mezzodi con beni degli eredi di Luigi Farrugia, da ponente in parte xon strada, ed in parte con beni di Francesco Farrugia, e con altri, e da tramontana con beni denominati Habel….."* (fol. 83). Deskrizzjoni li taqbel perfettament mal-pjanta annessa mal-att (ara fol. 103).

"vi. L-attur ma ta l-ebda prova ta fhix kienu jikkonsistu l-assi kollha ereditarji ta' Macanuzzio;

"vii. Ma rrizultax minn meta beda jinghad li l-art hi maghrufa ta' Gokk. Minn site plan li hemm a fol. 121 jidher li l-art qeghda iktar vicin Ta' Mejmuna tant li mill-punent in parti tikkonfina ma' Triq ta' Mejmuna. Interessanti kif fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur jirreferi ghall-art b'ismijiet differenti, meta ddikjara: *"L-attur qieghed jokkupa* ***parti mill-art imsejjha tal-Bakkari, jew tal-Wilga sive ta' Gokk limiti tax-Xewkija Ghawdex*** *tal-kejl ta' cirka 910 metri kwadri, deskritta fir-rikors promotur ta' din il-kawza."* (fol. 258).

"11. Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur ressaq l-argument li l-Kurja ma setghet qatt tiddisponi mill-proprjeta ghaliex kellha biss poteri li taghzel il-kandidati ghal legat taz-zwieg u xejn iktar. Dan meta fil-kors tas-smiegh tal-kawza illimita ruhu ghat-tezi li l-art ma kenitx provenjenti mill-wirt ta' Macanuzzio. Il-qorti ma taqbilx ma dawn it-tip ta' manuvri. L-attur irid jiddeciedi, l-art kienet ta' Macanuzzio jew ma kenitx ? Hu evidenti li sa l-ahhar ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jipprova jaqla' l-argumenti kollha possibbli, ukoll jekk huma kontradittorji ma' xulxin, f'tentattiv sabiex jipprova jahtaf u juzurpa art li m'hemmx dubju li m'hijiex proprjeta tieghu. Tant hu hekk li fil-premessi tar-rikors guramentat illimita ruhu biex ighid li l-art in kwistjoni *"...* ***qatt ma kienet oggett ta' legat ta' zwieg*** *kif inghad fl-imsemmi certifikat tar-Registrazzjoni u lanqas allura proprjeta' tal-Arcidjocesi ta' Malta....."*. Mela din hi l-kontestazzjoni u mhux li d-Djocesi ta' Malta kellha biss l-amministrazzjoni. M'ghandux ikun li f'nota ta' sottomissjonijiet jitressqu argumenti godda li ma jkunux il-bazi tal-azzjoni tal-attur u li qatt ma gew trattati mill-partijiet fil-kors tas-smiegh tal-provi. Madankollu mill-provi hu evidenti li l-Kurja kienet tqies u tittratta l-art bhala beni ekklezjastici. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-ftehim li sar bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta u li wara kollox gie inkorporat f'ligi, kien fis-sens li l-proprjeta **tal-entitajiet ekklezjastici kollha**[10] gew trasferiti lill-Gvern, salv ghal dawk l-eccezzjonijiet li huma kontemplati fil-ftehim."

## L-Appell

13. Dan hu principalment imsejjes fuq zewg aggravji: [1] li m'huwiex minnu li l-attur m'ghandux l-interess guridiku sabiex jippromwovi l-proceduri odjerni;

[10] *"ecclesiastical entity" means any entity of the Roman Catholic Apostolic Church in Malta, in terms of the Code of Canon Law* (Kap. 358). Skond il-Kodici Kanoniku din tinkludi persuna guridika bhal per ezempju fondazzjoni.

[2] li l-punt li kellu jigi deciz mill-ewwel Qorti ma kienx jekk l-art *de quo* hijiex tal-Gvern jew le, izda li c-certifikat ta' registrazzjoni kien minghajr bazi legali ghax l-art qatt ma kienet tal-Arcidjocesi ta' Malta.

*L-ewwel aggravju*

14. L-attur jilmenta li l-ewwel Qorti rabtet l-interess guridiku mal-pussess li hu jippretendi li kellu tal-art *de quo*. Jghid li l-interess guridiku m'huwiex limitat biss ghall-element tal-pussess. Huwa jsostni li l-interess tieghu jikkonsisti filli:

> "jittutela d-detenzjoni tal-fond in kwistjoni bhala dritt kontrastat mill-konvenuti li l-pussess taghhom ghalkemm mhux fiziku, jemana mit-titolu li qed jigi attakkat. Ir-registrazzjoni tat-titolu li qed jigi attakkat f'din il-kawza minnu nnifsu johloq molestja ghall-pussess u detenzjoni li ghandu l-attur fuq l-art in kwistjoni, u bhala tali ghalhekk jirradika l-interess guridiku fl-attur"

15. Jissottometti:

> "Il-konvenut Direttur tal-Joint Office qed jopponi il-pussess tal-attur proprju bit-titolu li qed jigi impunjat ghaliex l-artikolu 524 [1] tal-Kodici Civili jipprovdi li l-pussess huwa d-deternzjoni ta' haga korporali jew id-dgawdija ta' jedd li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta` u li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu nnifsu. Detenzjoni ta' haga korporali timporta kjarament il-fatt fiziku u materjali tal-pussess. Min jallega l-pussess legali jridi jipprova xi forma ta' titolu li jaghtih dak il-pussess *legali [App. Josephine Sammut et vs Lorenzo Agius et, 9 ta' Frar 2001].* Ghandu kull interess l-attur li t-titolu ta' pussess legali li ghandu l-konvenut Direttur tal-Joint Office jigi impunjat u dikjarat inezistenti. Sakemm jibqa' jissussisti t-titolu attakkat jibqa' minaccjat l-pussess tal-attur li jikkostitwixxi d-detenzjoni tal-art in kwistjoni…"
>
> "L-ewwel Onorabbli Qorti rabtet il-kwistjoni tal-interess guridiku mal-pussess li jrid ikun tajjeb biex jippreskrivi wara l-moghdija tat-terminu stabbilit mill-ligi. Invece l-gurisprudenza tghallimna li dan m 'huwiex hekk. Is-semplici minaccja ghall-pussess bhalma huwa dak li ghandu l-attur huwa bizzejjed sabiex jirradika l-interess sabiex jintavola din l-azzjoni….[inoltre] il-kwistjoni tal-interess guridiku hija ferm ampja mill-azzjonijet possessorji klassici u ma jistghux jigu ristretti ghal daqshekk."

16. Il-konvenuti min-naha taghhom jirribattu li mill-provi jirrizulta b'mod car li l-mera detenzjoni li ghandu l-attur tirrizulta mill-fatt li hu wettaq spoll vjolenti meta ha l-ligi b'idejh, hammel l-art in kwistjoni u ghaqqadha mad-dar tieghu minghajr ma kellu la titolu u lanqas l-awtorizzazzjoni ta' hadd. Inoltre, wara li l-kawza ta' spoll kontra tieghu giet deciza defenittivament huwa hareg mill-ghalqa *de quo* u tella' hajt bejn il-proprjeta` tieghu u l-ghalqa, izda fis-sena 2001 bi sfida ghad-decizjoni tal-Qorti l-attur rega' waqqa' l-hajt u ha pussess mill-gdid tal-art. Hi din id-detenzjoni arbitrarja u abbuziva li fuqha l-attur qed jibbaza t-talba tieghu ghall-protezzjoni mill-qrati fuq l-art.

17. Il-konvenuti jissenjalaw li, il-fatt li l-attur kien ghamel applikazzjoni mal-Ufficju Kongunt jew Dipartiment tal-Artijiet sabiex l-art tinghata lilu b'titolu ta' qbiela, juri li l-attur qatt ma kellu l-animus li jippossjedi b'mod li jaghtih titolu tajjeb sabiex xi darba l-art tigi preskritta favur tieghu. Inoltre, dan il-fatt ukoll juri li, almenu sa dak iz-zmien, l-attur kien qed jirrikonoxxi bhala s-sidien tal-art l-Arcidjocesi ta' Malta u wara, lid-Direttur tal-Ufficju Kongunt.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

18. Fl-ewwel lok, fl-ezami ta' dan l-aggravju huwa opportun li jigu senjalati s-segwenti fatti li rrizultaw mill-provi.

19. Fis-sena 1988 l-attur dahal jghix ma’ martu fid-dar konjugali li retroposta ghaliha hemm l-ghalqa *de quo* tal-kejl ta’ circa 910 metri kwadri. F’dak iz-zmien huwa kien talab lill-Kurja sabiex tghaddilu din l-art li allura tigi wara d-dar tieghu, jew b’xiri, jew b’cens jew bi qbiela wara li jmut il-bidwi li kien jahdem fiha. Kif miet il-bidwi bejn is-snin 1988 u 1999 l-attur dahal fl-ghalqa u okkupaha minghajr permess ta’ hadd.

20. Rizultat ta’ dan, l-awtoritajiet ekklezjastici fethu kawza ta’ spoll kontra l-attur b’ezitu pozittiv, tant li b’sentenza li giet konfermata minn din il-Qorti fl-4 ta’ Dicembru 1988 gie deciz li l-attur [allura konvenut] ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-awtoritajiet ekklesjastici bhala pussessuri tal-art *de quo*, u gie ordnat li l-attur [allura konvenut] jnehhi mill-imsemmija art dak kollu li huwa kien ghamel bla jedd u jirripristinaha ghall-*istatus quo ante*. Jirrizulta li l-attur ottempora ruhu ma’ din l-ordni tal-Qorti billi tella’ hajt li ssepara l-proprjeta` tieghu mill-ghalqa *de quo*.

21. Sussegwentement fis-sena 2001 martu, Alice Debono, ghamlet applikazzjoni mal-Ufficju Kongunt sabiex tinghata l-art b’titolu ta’ qbiela.

22. Fis-sena 2006 din l-applikazzjoni giet milqugha limitatament fis-sens li l-applikanta giet moghtija titolu prekarju fuq l-art.

23. Din il-Qorti tosserva li mill-provi akkwiziti kif ukoll mis-sottomissjonijiet tal-attur jirrizulta car li dan qed jibbaza d-dritt tieghu li jippromwovi l-azzjoni

odjerna fuq il-fatt abuziv li hu dahal u kkapparra materjalment proprjeta` li jaf li m'hijiex tieghu. Huwa b'dan il-mod li l-attur beda jokkupa l-art. Tant l-attur kien jaf li ma ghandu ebda dritt fuq l-art, li fis-sena 1988 huwa kien talab diversi drabi lill-Kurja sabiex din titrasferixxi l-art fuq ismu, jew b'xiri, jew b'cens, jew b'titolu ta' qbiela. Dan il-fatt wahdu, pacifikatament akkolt, ghandu bhala wiehed mill-effett legali tieghu dak li jeskludi l-pussess *animo domini* li huwa wiehed mill-elementi mehtiega ghall-konfigurazzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva.

24. Jirrizulta li l-attur irid li akkost ta' kollox jakkwista titolu fuq l-art, anke wara li fis-sena 1998 huwa kien gie misjub mill-Qorti li kkommetta att spoljattv fil-konfront tal-awtoritajiet ekklesjastici. Minkejja dan, huwa xorta rega' dahal fl-art bl-iskop li forsi xi darba jakkwistaha bid-dekorriment tal-perjodu preskrittiv trentennali. Li dan huwa l-interess li ghandu l-attur ma hemmx dubju, imma zgur li dan mhux l-interess guridiku li trid il-ligi bhala bazi legali ghall-promozzjoni tal-azzjoni. Il-gurisprudenza tghallem li l-interess guridiku jrid ikun konkret u attwali u mhux wiehed merament ipotetiku[11] kif inhu tal-attur.

25. Inoltre, anke jekk it-talba tieghu mressqa fir-rikors promotur ghal dikjarazzjoni li c-certifikat tar-registrazzjoni huwa "fittizju, null u minghajr ebda bazi ta' validita`" tigi milqugha, din m'hu ser tkun ta' ebda vantagg jew utilita`

[11] Ara fost ohrajn, App.S.Formosa Gauci Agatha vs Dr. Francis Lanfranco et, 28 Novembru 2003

lill-attur, stante li mis-sena 2006 l-art inghatat lil martu mill-Gvern b’titolu prekarju, liema titolu jeskludi minnufih l-element tal-pussess *animo domini.*

26. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur m’ghandux l-interess guridiku sabiex jippromwovi l-azzjoni odjern, stante li dikjarazzjoni ta’ validita` o meno tac-certifikat tar-registrazzjoni *de quo* ma hi ta’ ebda utilita` legali ghalih peress li dan m’ghandu ebda titolu jew pretensjoni valida ta’ titolu fuq l-art.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

28. Dan jirrigwarda l-meritu u hu fis-sens li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-art *de quo* qatt ma kienet tappartjeni lil Arcidjocesi ta’ Malta, ghalhekk qatt ma setghet validament titrasferixxi l-art lill-Gvern ta’ Malta. Inoltre, anke jekk l-art kienet tifforma parti mil-legat taz-zwieg ta’ Nikola Angelo Meccanuzio, din qatt ma setghet issir tal-Arcidijocesi peress li t-titolu taghha kien wiehed prekarju.

29. L-attur jilmenta li t-talba tieghu ma kienitx ghal dikjarazzjoni li l-art in kwistjoni m’hijiex tal-Gvern, izda li c-certifikat tar-registrazzjoni huwa fittizju, null u minghajr ebda bazi ghall-validita` tieghu u ghalhekk ghandu jithassar.

30. Min-naha taghhom il-konvenuti jirribattu principalment bl-argument li mill-provi jirrizulta li l-art *de quo* kienet ilha fil-pussess tal-Arcidjocesi zmien twil, sa mis-sena 1897 meta kkoncediet l-art b'enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' 99 sena li matulhom kienet tircievi c-cens u baqghet tircievi hlasijiet fuq din l-art sal-15 ta' Awwissu 1989. Dan juri li l-Kurja kienet tipposjedi l-art bhala taghha.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

31. Din il-Qorti tirrileva li, ghalkemm l-ewwel Qorti, korrettament ikkonkludiet li l-attur ma kellux l-interess guridiku necessarju sabiex iressaq l-azzjoni odjerna, xorta wahda ghaddiet biex tinvesti l-meritu u waslet ghall-konkluzjoni li "fil-meritu l-attur m'ghandux ragun meta jallega li l-art tal-kawza m'hijiex tal-Gvern ta' Malta, u ghalhekk tichad it-talba".

32. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma kellux ikun, u ladarba gie konkluz li l-attur ma kellux l-interess guridiku li jressaq l-azzjoni odjerna, l-ewwel Qorti ma kellhiex tkompli tezamina l-meritu, imma kellha tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

33. Ghaldaqstant dan l-aggravju, in kwantu jirrigwarda d-decizjoni fuq il-meritu, qed jigi milqugh limitatament u fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex

tghaddi biex tinvesti l-meritu u tippronunzja ruhha dwar it-titolu tal-Gvern fuq l-art *de quo*.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti fil-Kap numru 4 cahdet it-talba tal-attur u ddikjarat li l-attur m'ghandux ragun meta allega li l-art oggett tal-kawza m'hijiex tal-Gvern ta' Malta, u minflok, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju minhabba karenza ta' interess guridiku fl-attur.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------